TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

8

Avviż Numru CCT 57/18/F

**Eugenio u Susan Cauchi**

**vs**

**Sound Machine Co. Ltd.**

Illum 31 t'Awwissu, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'April, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet mija, u dsatax-il ewro (€319), rappreżentanti prezz ta' mobile phone li ġralu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw mobile phone, u wara ħames xhur li kien fiż-żmien tal-garanzija kellu l-problemi.

L-intimat issottometta u ppreżenta r-ritratti fejn juri li l-biċċa ta' ġewwa kienet corroded u dan riżultat ta' xi ingress ta' ilma.

It-Tribunal, għalkemm m'għandux l-opportunita' li jiċċekja dawn ir-ritratti, jidher illi verament hemm il-corrosion fuq dan il-mobile phone. It-Tribunal, qed joqgħod fuq din il-verżjoni tal-intimat u fejn juri biċ-ċar li hemm il-corrosion, u li għalhekk daħal xi ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**